# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Huttaf

Numru **12** Jannar Frar 1996


Dal-magażin stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA MOS



# FRANKIE SAYS STOP

paġ4

# 7704 jonħru!

paġ3



Desirée Falzon

*Ċinju Mutu*

editorjal



## Ħbieb tal-Klabb!



Ambjent! Ambjent! AMBJENT!
X'għidt, ambjent? Iva, ambjent!
Kulħadd isemmi l-ambjent... mit-tfal iż-żgħar sal-Prim Ministru!
Kulħadd iħobb l-ambjent, kulħadd irid jara l-ambjent sabiħ!

Imma fil-verità... NAFU x'inhu dan l-imbierek ambjent? Veru nħobbuh daqskemm ngħidu? Veru qegħdin nieħdu ħsiebu?

Ħafna jaħsbu li l-ambjent jiġifieri żżomm it-toroq u l-pjazez indaf! Li ma tarmix karta fl-art, li tiknes kinsa! Orrajt, importanti ħafna li nżommu dawn il-postijiet indaf. Imma l-ambjent... huwa IKTAR minn hekk.

L-ambjent jiġifieri l-inħawi fejn tgħix u li minnhom tieħu l-affarijiet li għandek bżonn biex tgħix b'saħħtek. L-ambjent ta' l-ors polari huwa l-beraħ inġazzat ta' l-artiku u l-baħar mimli foki bnini! L-ambjent tal-ħanex huwa l-ħamrija niedja u mudlama mimlija sustanzi. Kulħadd bl-ambjent speċjali tiegħu. Il-bniedem huwa annimal intelliġenti ħafna, u għalhekk tgħallem jgħix f'ħafna ambjenti differenti: deżert, savana, ġungla, silġ, bliet... fejn jonqos insemmi?!

Imma b'danakollu aħna l-bnedmin xorta annimali għadna, u bħal kull annimal għandna bżonn nieklu, nixorbu, nieħdu n-nifs eċċ. L-ikel, ix-xorb u l-arja jridu jiġu minn x'imkien, inkella mmutu. U l-postijiet minn fejn jiġu dawn l-affarijiet huma wkoll parti mill-ambjent tagħna.

U mhux hekk biss: dan l-ikel, dan ix-xorb u din l-arja jridu jkunu ta' kwalità tajba, inkella xorta mmutu! X'jiswa li tiekol ikel kollu veleni, li tixrob ilma mniġġeż, li tibla' arja kollha dħaħen? B'xorti ħażina ħbieb Ħuttaf, bħalissa hekk eżatt qed isir fid-dinja, u anke f'Malta:

- Ħamrija mimlija kimika, likwidi u kull xorta ta' imbarazz li nivvintaw, taparsi biex il-ħxejjex jikbru iktar b'saħħithom!
- Baħar kollu veleni mill-fabriki, drenaġġ u żjut mill-vapuri.
- Arja miżbla ta' dħaħen mill-fabriki, pawer stejxins u mill-karozzi.

Jekk tispiċċa l-ħamrija għammiela, l-ilma pur u l-arja safja, ma tkunx biżżejjed l-intelliġenza kbira tagħna l-bnedmin biex issalvana!

U lanqas l-ixkupa u l-pala!

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet | paġ 3 |
| Kompetizzjoni bi Premju | paġ 4 |
| Mid-Dinja | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...il-GAWWI | paġ 5 |
| Ittrittrittrittrittri.. | paġ 6 |
| ART Gallery | paġ 7 |
| Naturalment | paġ 7 |
| Attività u Rapporti | paġ 8 |
| Gruppi Lokali | pag 9 |
| PROĠETT - Roost | paġ 10 |
| Jeddijiet ta' l-Annimali | paġ 11 |
| Ritratt Messaġġ | paġ 12 |




Qabru

← *Faċċata ta' Quddiem*

**Ċinju Mutu**

(*Cygnus olor* - Mute Swan)

Ġmiel ta' tajra, kemm jekk taraha ttir u anke jekk taraha żżiġġ fl-ilma qisha ġifen bil-qlugħ miftuħ. Ħasra li hawn eluf ta' rġiel li jippreferu joqtluha, jibbalzmawha u jżejnu d-dar bil-mumja tagħha (ara paġ 3)!

**Working Group Klabb Ħuttaf**
Silvana Agius, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (Ċer), Victor Falzon, Margaret Muscat.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima tal-BirdLife Malta MOS għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magazin "Il-Ħuttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 5 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1.50 fis-sena.

**Pubblikazzjoni tal-BirdLife Malta MOS**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' s-sors.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Frar 1996

aħbarijiet

## Ħamrani fl-Għadira



Tard f'Novembru li għadda, fir-riserva ta' l-Għadira niżel **Kuluvert Aħmar** (Ruddy Shelduck - *Tadorna ferruginea*). Għasfur interessanti mhux biss għax kbir u sabiħ, imma għax rarissmu għal Malta: f'mija u ħamsin sena ta' studju ta'l-għasafar f'pajjiżna, il-Kuluvert Aħmar intlemaħ inqas minn 10 darbiet, u l-aħħar li deher wieħed kien fl-1980!

Naturalment il-kaċċaturi semgħu b'din iż-żjara speċjali, u min jaf kemm minnhom kiluhom idejhom biex jaqbduh. Wieħed anke pprova jidħol għalih fir-riserva stess, imma gerrxu l-woċmen. B'xorti tajba l-kuluvert ma damx ma dabbar rasu minn Malta. Nawguraw li mar f'pajjiżi fejn in-nies jistmawh ftit aħjar minna l-Maltin.

## Il-Muti jmutu



Kmieni f'Jannar intlemħet qatgħa ta' xi 12-il **Ċinju Mutu** (*Cygnus olor* - Mute Swan), għasafar rari għal Malta. Kollha sparawlhom, u kollha qatluhom!

## *X'tella' l-baħar!*

Speċi: **Baliena ta' Cuvier**
(*Ziphius cavirostris* - Cuvier's Whale)
Data: 3 Diċembru 1995
Post: Xatt tal-Qawra
Stat: Mejta!

Speċi: **Denfil Geddumu Qasir**
(*Tursiops truncatus* - Bottlenose Dolphin)
Data: 8 Jannar 1996
Post: Xatt ta' Wied il-Għajn
Stat: Mejjet!

Speċi: **Denfil ta' l-Istrixxi**
(*Stenella coeruleoalbus* - Striped Dolphin)
Data: 15 Jannar 1996
Post: Magħluq ta' Marsaxlokk
Stat: Mejjet!

**X'qed jiġrilhom il-balieni u d-dniefel, dawk il-kuġini tagħna tant sbieħ u intelliġenti? Għaliex qed imutu? Jew min qed joqtolhom?**



Victor Falzon

Dniefel jgħumu kuntenti...imma mhux f'Malta!

Ħajr lil Max Farrugia għat-tagħrif dwar id-dniefel.

## Meta morna ngħoddu...



Fis-6 ta' Jannar, grupp Leaders ta' Klabb Ħuttaf marru jgħinu biex issir roost count. **Roost count** jiġifieri tgħodd l-għasafar huma u deħlin jorqdu f'ċertu post. Studjużi ta' l-għasafar spiss jagħmlu attivitajiet bħal dawn, u f'paġna 10 Robert Borg jurikom kif tistgħu tgħinu fi proġett ta' din il-kwalità.

Mela dawn il-leaders marru jgħoddu l-għasafar tal-bejt u l-isturnell li daħlu jorqdu f'roqgħa siġar ta' l-Ewkaliptu li hemm ħdejn Kennedy Grove, u tafu kemm daħlu għasafar f'temp ta' nofs siegħa?

| | |
|---|---|
| **Għasafar tal-Bejt** | **6314** |
| **Sturnell** | **1390** |
| **Total** | **7704** |

Grazzi lil-Leaders Agnes, Audrey, Desirée, Norman u Victor, lill-Ħuttaf Steve Scicluna u Simon Mizzi, u lil Dr Walther u Ulrike Thiede, iż-żewġ esperti Ġermaniżi li skoprew din ir-roost ġdida u mexxew din l-attività.

# KOMPETIZZJONI

Għandkom tnax-il tqasqisa minn ħarġiet 9, 10 u 11 ta' Il-Ħuttafa. Aqtgħu x'inhuma l-istampi u mlew it-tisliba. Imbagħad ikkupjaw jew ħudu fotokopja tal-kompetizzjoni (min iqasqas mill-Ħuttafa niskwalifikawh!) u ibagħtuha lil

**KOMPETIZZJONI IL-ĦUTTAFA 12**

**BirdLife Malta MOS • POBox498 • Valletta CMR 01**

Żmien sal-31 ta' Marzu. Anke jekk ma tgħaqqdux it-tisliba kollha, ibagħtu t-tweġibiet xorta! Okay? Premju: **KTIEB DWAR IN-NATURA.**

maħsuba minn
**Norman Chetcuti**









# Mid-Dinja



## L-Oċejan mill-ġdid Paċifiku!




Fil-Ħuttafa Nru9 għedna li Franza reġgħet ħolmot bil-bombi nukleari. Il-Franċiżi riedu jisplodu tmien bombi qerrieda taħt il-qiegħ tal-Baħar Paċifiku.

Saru ħafna protesti madwar id-dinja kollha, u kważi kulħadd kellu kliem ikrah għal Franza. Inqala' inkwiet kbir, speċjalment min-nies li jgħixu viċin l-inħawi fejn saru t-testijiet.

**Issa Franza waqqfet dawn it-testijiet.** Imma xorta laħqet splodiet **6** . U minnhom min jaf x'ħareġ tal-materjal perikoluż għall-ħajja tal-baħar u tan-nies li jgħixu f'dawk in-naħat.

Issa l-mexxej ta' Franza wiegħed li pajjiżu qatt iktar ma jerġa' jagħmel minn dawn it-testijiet, anzi issa se jaħdmu għall-PAĊI!

Wara l-ħerba li għamlu.....

# SPREJS TUŻAWX



**Fil-Mediterran, inkluż madwar il-Gżejjer Maltin, ma tantx jgħix tajr tal-baħar. Dan għaliex il-Mediterran ma fihx il-ħafna ħlejjaq mikroskopiċi li fihom ibħra oħrajn, u għalhekk il-Mediterran huwa daqsxejn fqir fil-ħajja tal-baħar. Imma l-ftit li hemm huwa xorta waħda interessanti.F'dil-ħarġa ser nagħtu ħarsa lejn familja ta' għasafar tal-baħar:**

# il-Gawwi

Il-gawwi kollu għandu ftit jew wisq l-istess forma, u jvarja l-aktar fid-daqs. Anke l-kuluri huma kważi dejjem taħlita ta' griż, iswed u abjad. Il-frieħ ikunu x'aktarx fil-kannella, li jvarja ħafna fil-pattern. Munqar il-gawwi huwa b'saħħtu u magħmul apposta biex jistad u jżomm il-ħut bla ma jaqagħlu. Saqajh huma bil-ġilda bejn is-swaba' (bħall-papri) biex jgħinuh fl-għawm.



Victor Falzon

Gawwija Prima - l-unika gawwija li tbejjet Malta

**Naraw ftit liema gawwi jidher Malta.**

Il-**Gawwija Prima** hija għasfur kbir b'dahar griż ċar u t-tarf tal-ġwienaħ suwed b'daqqiet bojod. Saqajha huma sofor. F'Malta l-Gawwija Prima tbejjet fuq Filfla u ma' xi rdumijiet,u hija wkoll l-ikbar għasfur li jbejjet f'artna. Ftit nafu dwar il-passa tal-gawwi, imma x'aktarx ħafna mill-Gawwi Prim li jitwieled Malta jibqa' magħna s-sena kollha.

Minn Ottubru sa Marzu jidhru max-xtut xi erba' speċi oħra ta' gawwi...

Il-**Gawwija Rasha Kannella**, li hija iżgħar sew mill-Gawwija Prima, għandha daharha griż bi strixx iswed fuq il-ġewnaħ. Fix-xitwa rasha tkun bajda b'dabra kannella wara għajnejha. Għal Frar rasha ssir kannella skur. Din hija l-aktar gawwija komuni, u tidher spiss fil-portijiet u nħawi bħal Tal-Pietà u l-iMsida.

Il-**Gawwija Rasha Sewda** tixbah ħafna lill-Gawwija Rasha Kannella, imma hija inqas komuni minnha. Tingħaraf mill-abjad nadif ta' taħt il-ġwienaħ u d-dahar griż ċar. Minn Frar rasha ssir sewda tuta u munqarha aħmar jixgħel. Il-frieħ ta' dawn iż-żewġ speċi jixxiebhu sew u trid l-esperjenza (u gwida għat-tajr!) biex tagħrafhom.




Gawwija Rasha Sewda

Aktar skarsa hija l-**Gawwija Daharha Iswed**. Din fiha daqs Gawwija Prima, imma daharha huwa griż skur ħafna, kważi iswed. Mill-ġdid, il-frieħ taż-żewġ speċi jixxiebhu ħafna.

L-aktar skarsa hija l-**Gawwija Żgħira**, li hija ftit akbar minn ħamiema u għandha titjira ħafifa. Tingħaraf faċilment mid-daqs żgħir u mill-bjuda ta' daharha. Il-frieħ huma iżjed skuri. Il-Gawwija Żgħira tkun komuni f'xi snin, imma s-soltu hija skarsa ħafna. Meta tidher, x'aktarx issibha fil-portijiet jew fir-riżerva ta' l-Għadira.

Speċi ta' gawwi kemmxejn rari fostna hija l-**Gawwija Geddumha Rqiq**, li tista' tidher is-sena kollha. Tixbah ħafna lill-Gawwija Rasha Sewda imma għandna munqarha aktar mislut u tawwali. Minn żmien għal żmien jidhru xi speċi oħra ta' gawwi, imma dawn huma rari ħafna.

Il-gawwi huma ġeneralment diffiċli li jingħarfu minn xulxin, u anke berdwoċers li ilhom snin josservaw l-għasafar ġieli jitfixklu. Imma fil-fatt kulħadd għandu għax jitpaxxa bil-gawwi, anke jekk ma jagħrafhomx. Għax wara kollox li tara għasfur bajdani jissiefaħ mal-mewġ skur tax-xitwa huwa biżżejjed biex tifhem kemm huma sbieħ, u ta' min japprezzahom, l-għasafar.

**Mark Falzon**

**Gawwija Prima** - *Larus cachinnans*, Yellow-legged Gull
**Gawwija Rasha Kannella** - *Larus ridibundus*, Black-headed Gull
**Gawwija Rasha Sewda** - *Larus melanocephalus*, Mediterranean Gull
**Gawwija Daharha Iswed** - *Larus fuscus*, Lesser Black-backed Gull
**Gawwija Żgħira** - *Larus minutus*, Little Gull
**Gawwija Geddumha Rqiq** - *Larus genei*, Slender-billed Gull.

# ittrittrittrittrittrittr

## Xi ħadd jgħidli għaliex!

**Sur Editur,**

**Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed ikun hawn moħqrija ta' l-annimali. Hawn nies li jxejru anke xi daqqa ta' sieq lil xi kelb.**

**Fl-antik kienu jħalluhom lill-annimali, u kienu joħduhom magħhom għall-kaċċa u anke jieklu magħhom.**

**Tista' tgħidli x'inhi din l-affari, għaliex in-nies qed joborgħdu lill-annimali?**

**David Spiteri**
**Marsaxlokk**

Għażiż David,

Naħseb li hemm iktar minn raġuni waħda għaliex l-annimali jingħataw daqshekk mill-agħar.

**Hemm nies** li jaħqru lill-annimali għax jaħsbu li dawn ma jħossux uġigħ bħalna! Naturalment, dan huwa raġunar ta' min huwa injorant.

**Hemm nies** li huma mdejqin u jeħel magħhom min mhux kapaċi jiflaħ għalihom. Nies bħal dawn (per eżempju l-kaċċaturi) jinfexxu fl-annimali, li ma jafux ipattu. Naturalment, raġunar ta' min huwa buli.

**Hemm nies** li jaħsbu li d-dinja teżisti għalina l-bnedmin biss, u l-annimali huma bħal ġugarelli li nistgħu nagħmlu bihom li rridu. Naturalment, raġunar ta' min għandu rasu kbira.

**Hemm nies** li jagħmlu l-flus mill-moħqrija ta' l-annimali, per eżempju l-kummiedji jew il-corrida. Raġunar ta' min huwa egoist.

U **hemm ukoll nies** li jittorturaw l-annimali għax jifirħu jaraw it-tbatija. Raġunar ta' min ma jixraqlux jissejjaħ bniedem.

Kliem iebes, David! Imma taqbel miegħi li veru.

L-Editur



## Pranzu Lest!

(Din l-ittra nqalbet mill-Ingliż)

**Għażiż Editur,**

**Irċivejt minn għandkom it-tagħrif dwar kif tibni bird table għall-għasafar. In-nannu tiegħi għamilli waħda ta' l-injam. Poġġejna l-ikel fuqha, bit-tama li l-għasafar jiġu jieklu.**

**Għandna pitirross li jiġi kuljum iħares lejna!**

**John Catania**
**Naxxar**

Għażiż John,

Prosit tal-biċċa xogħol li għamilt. Taqtax qalbek jekk għall-ewwel ma jinżlux għasafar. Dan għaliex l-għasafar jibżgħu jekk jaraw xi ħaġa ġdida. Imma mbagħad jidrawha u tibda tarahom niżlin bil-gzuz fuq il-bird table tiegħek. L-għasafar tal-bejt speċjalment - dawk żaqqiqin wisq!



Attent li ma poġġejthiex fejn jista' jilħaqha qattus.

Jekk xi membri jixtiequ tagħrif kif jagħmlu bird table bħalma għamel John, jiktbulna.

L-Editur

## Ħasra ta' Ħuttafa

**Għażiż Editur,**

**Nhar il-Ħadd li għadda mort passiġġata l-iMtaħleb ma' missieri u z-zijiet, u kif konna ġejjin lura jien rajt Ħuttafa mejta ħdejn fejn jisparaw il-kaċċaturi, u kienu qed jikluha n-nemel!**

**André Mangion**
**Mosta**

Għażiż André,

B'xorti ħażina, xeni bħal dik li rajt inti għadhom komuni f'Malta, għax ħafna nies għadhom ma tgħallmux iħobbu n-natura.

Nispera li l-Maltin il-ġodda, jiġifieri t-tfal ta' l-età tiegħek, jibdew minn issa jifhmu kemm hija ħela li toqtol annimal għal xejn b'xejn. Forsi għada pitgħada la tkunu *intom* l-irġiel u n-nisa ta' Malta, in-natura Maltija tkun iktar sinjura u iktar mifruxa ma' pajjiżna.

L-Editur

## IKTBU LIL

Editur Il-Ħuttafa
Klabb Ħuttaf
Birdlife Malta MOS
POBox 498
Valletta CMR 01



## WILDLINK

Għal tagħrif u dettalji dwar annimali jew pjanti Maltin, iktbu lil **Robert Borg, Klabb Ħuttaf, BirdLife Malta MOS, POBox498 Valletta CMR 01.**

Ma' l-ittra tagħkom inkludu envelope vojt bl-indirizz tagħkom u b'bolla tal-5ċ imwaħħla bil-lest.

Robert imbagħad jiktbilkom direttament.

# ART GALLERY

Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur
Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta

Bies



Clayton Portelli (12)

Busieq



David Attard (9)

Żanżarell



Georgina Magro (12)

N A T U R A L M E N T

## BŻIEŻAQ u BRAM



Mhux l-ewwel darba li nixtru bużżieqa biex wara li naqtgħu nifisna nonfħuha, noqogħdu nilagħbu biha. Fil-festi u l-fieri jinbiegħu bżieżaq minfuħin b'gass magħruf bħala helium. Dan il-gass huwa eħfef mill-arja, u jekk titlaq l-ispaga, il-bużżieqa taħrablek u tibqa' tielgħa 'l fuq.

Il-bużżieqa tibqa' ddur fl-arja sakemm titlef il-gass u taqa' aktarx fil-baħar, forsi mijiet ta' mili 'l bogħod minn Malta. Ix-xemx u l-melħ iqaxxru l-kulur mill-bużżieqa, tant li ssir trasparenti. U hawnhekk jibda l-gwaj.

Fil-baħar jgħixu ħafna ħlejjaq li jieklu l-bram, bħal ħut u fkieren. Il-bżieżaq mifqugħin u trasparenti jixbhu lill-bram, kemm fl-għamla kif ukoll fiċ-ċaqliq. Mhux ta' b'xejn li ħafna ħlejjaq lill-bżieżaq jaħsbuhom bram u jikluhom. Meta fekruna tagħmel hekk, aktarx li tifga fil-lastku. Jekk ma tmutx fgata, tmut bil-ġuħ għax il-lastku jimlilha l-istonku u ma tħossx il-bżonn li tiekol.

Dan kollu nistgħu nevitawh billi nżommu l-bużżieqa sew jew norbtu l-ispaga ma' l-arloġġ ta' jdejna. Fejn nistgħu, għandna nevitaw li nieħdu sehem f'attivitajiet li fihom jintelqu mijiet jew eluf ta' bżieżaq fl-ajru. U fuq kollox, għandna nfiehmu lil ħaddieħor bil-ħsara li tista' ssir.

**Jason Aloisio**

## Kien party tal-ġenn!!

Norman Chetcuti



Il-party tal-Milied kien, bħas-soltu, suċċess. Qatt rajtu kif jinġabar il-ħuttaf gzuz gzuz fuq il-wajers tad-dawl qabel ma jpassi?! Hekk kienet qisha s-sala ta' l-iskola tal-Furjana dakinhar filgħaxija! Konna aktar minn 120 ruħ... IVA, ĦBIEB! IL-KLABB QED JIKBER!

# KRRRRRRRAFT

Għal Frar għandna maħsuba għalikom attività KRAFT. Dawn l-attivitajiet qed isiru dejjem iktar popolari magħkom il-Ħuttaf. Ma niskantawx: fejn tieħu gost tkun tixtieq terġa' tmur!
Għalhekk ejjew gawdu u ivvintaw u immaġinaw magħna.
Qasqsu! Pinġu! Dellku! Waħħlu!
U bħas-soltu għal waqt il-logħob ikollna wkoll x'innaqqru u x'nixorbu!
TONQSUX!

Data: Il-Ġimgħa 23 Frar 1996
Post: Skola Primarja Furjana (ara l-mappa)
Ħin: 6pm-8pm Prezz: 50c (fil-bieb)
Jekk jogħġobkom ibbukkjaw bit-telefon biex inkunu nafu kemm se nkunu. Ċemplu l-uffiċċju tal-BirdLife Malta fuq 230684/250229 (qabel nofsinhar) *mhux aktar tard mill-20 Frar 1996.*

L-affarijiet li tagħmlu waqt l-Attività Kraft toħduhom magħkom id-dar. *U issa jista' dak il-ħelu li qasqasni jerġa' jwaħħalni qabel ma nimbokka riħ!!!*



**Tfal taħt il-5 snin iridu jkunu akkumpanjati minn adult.**




## *APPELL LILL-ĠENITURI*

***(Ejja, nafu li ħafna minnkom taqraw Il-Ħuttafa...u qabel uliedkom ukoll!)***

*Għeżież ġenituri,*

*Nixtieq nappellalkom biex jekk tħossu li b'xi mod tistgħu tgħinu f'xi wieħed mill-Gruppi Lokali, għandna bżonn ħafna ta' din ix-xorta ta' għajnuna. M'hemmx għalfejn ikollkom esperjenza fin-natura: għajnuna u materjal mingħandi, mingħand il-ko-ordinaturi u mingħand il-Leaders l-oħrajn issibu ħafna, niggarantilkom.*

*Hija l-mira ta' Klabb Ħuttaf li ftit ftit inxettlu* ***Gruppi Lokali ma' Malta kollha*** *(u ma' Għawdex ukoll). Kollox jiddependi minn kemm insibu għajnuna u dedikazzjoni.*

*Għalhekk toqogħdux lura! Jekk tagħmlu xi ħsieb, żgħir kemm hu żgħir, ikkuntattjawni fuq Tel: 434703, wara s-6pm. Grazzi.*

Desirée

***Desirée Falzon***
*Leader Co-ordinator*

## Grazzi

- Lis-Sindku u l-kunsilliera tar-Rabat, li għoġobhom jisilfu s-sala tal-Kunsill Lokali lill-Ħuttaf Rabat għall-attività tagħhom.
- Lill-Kappillan ta' H'Attard li għoġbu jislef is-sala parrokkjali lill-Ħuttaf H'Attard għall-attività tagħhom.



← Fjura tal-Fidloqqom - waħda mill-ftit fjuri kaħol li jikbru Malta.

# GRUPPI

Qatt rajtu Ħuttafa tħawwel Ċipressa? Membri Ħuttaf tal-Grupp Lokali tar-Rabat waqt attività li fiha ħawlu numru ta' siġar f'tarf ir-Rabat. Prosit lil Audrey u Norman (ko-ordinaturi) u l-Leaders l-oħrajn.



Norman Chetcuti



# LOKALI

Qatgħa Ħuttaf ġo Sant Anton! Membri tal-Grupp Lokali ta' H'Attard waqt passiġġata fil-ġonna. Prosit lil Agnes u Silvio (ko-ordinaturi) u lil-Leaders oħrajn.



Desirée Falzon




## Tweġibiet Tisliba Ħuttafa 11



L-għasfur sigriet kien TELLERITA

**Għandkom ġnien l-iskola? Ġennu lill-għalliema tagħkom jiddubbaw erba' siġriet żgħar... u ħawluhom! ISSA ŻMIENHOM!**

## GRUPPI LOKALI

1 ATTARD
Ko-ordinaturi: Agnes Scicluna u Silvio Scicluna.
Leaders oħrajn: Isabella Borg, Grace Camilleri, Graziella Fenech, Marija Fenech.

2 MOSTA
Ko-ordinaturi: Mark Gauci u Carmen Vella.
Leaders oħrajn: Justin Vassallo.

3 MSIDA/TA' XBIEX
Ko-ordinaturi: Michelle Borg u Robert Borg.
Leaders oħrajn: Marisa Grech.

4 NAXXAR
Ko-ordinatur: Jason Aloisio u Mark Falzon.
Leaders oħrajn: Anita Bezzina, Caldon Mercieca, Rosierre Mercieca, Konrad Pizzuto.

5 RABAT
Ko-ordinaturi: Audrey Chetcuti u Norman Chetcuti.
Leaders oħrajn: Silvana Agius.

progett

Robert Borg

# ROOST

**Għinu lil BirdLife Malta fl-istudju ta' l-għasafar. Ingħaqdu magħna fit-tfittxija għar-ROOSTS!**

Hawn hu ċ-ċans biex intom ukoll tagħtu sehmkom fl-istudju ta' l-għasafar. Kif?

Hawn għasafar li meta jiġu biex jorqdu jinġabru f'numri kbar u jorqdu viċin ta' xulxin. L-Għammiel tal-Bejt huwa wieħed minnhom. Fiż-żmien meta ma jkunux bil-bejta, jiġifieri fil-ħarifa u fix-xitwa, jinġabru f'mases kbar biex jorqdu f'xi grupp siġar folti u għall-kenn. Postijiet bħal dawn bl-Ingliż jissejħu "roosts".

Ir-roosts huma importanti għal min jistudja l-għasafar, għax fihom tista' tgħodd l-għasafar faċilment. "Roost count" hija attività li minn żmien għal żmien jagħmluha l-ornitologi biex jaraw jekk l-għasafar ikunux qed jonqsu jew jiżdiedu (ara paġ3)

F'Malta nafu b'numru ta' roosts ta' l-Għammelin tal-Bejt. L-ikbar roost qiegħda fit-Tokk tar-Rabat f'Għawdex, fejn darba għoddejna *32,000 għasfur!!*

**Issa aħna żguri li jeżistu roosts oħrajn li għadna ma nafux bihom! U hawn ħsibna fikom. Bl-għajnuna tagħkom il-Ħuttaf aħna ċerti li nistgħu nsibu roosts ĠODDA.**



Victor Falzon

Membri ta' Klabb Ħuttaf waqt roost count fl-Istazzjon ta' Birkirkara

## X'GĦANDKOM TAGĦMLU?

- L-aħjar ħin biex tindunaw b'roost huwa l-ħin li fih l-għasafar jidħlu jorqdu. F'daż-żmien tas-sena, il-ġirja għas-sodda ssir f'xi ħin bejn l-4pm u l-5pm! Għalhekk, kif tlestu mill-homework...
- Sibu x'imkien fejn tistgħu taraw sewwa s-sema - ġnien, bitħa, gallerija, bejt, għalqa eċċ.
- Żommu għajnejkom (ta' seqer) miftuħin. Jekk tibdew taraw għasafar għaddejjin qtajja' qtajja' mgħaġġlin, dawn ikunu bla dubju sejrin jorqdu.
- Ibqgħu segwuhom b'għajnejkom. Jekk tarawhom deħlin sparati f'xi grupp siġar, anke jekk dawn is-siġar ikunu f'nofs pjazza qalb l-istorbju tat-traffiku, mela HEMM hija r-roost tagħkom!

**Jekk jirnexxielkom issibu roost imlew dil-formola u ibagħtuhielna**

### Sibt Roost!

Tgħarraqx il-Ħuttafa: Agħmel kopja!

Jisimni: ____________________

Età: __________ Telefon: __________

Data: __________

Tip ta' post: Pjazza ☐ Ġnien publiku ☐ Ġnien privat ☐ Triq ☐ Kampanja ☐

Isem il-post (jekk għandu): ____________________

Isem ir-raħal (jew l-eqreb lokalità): ____________________

Numru ta' siġar: -10 ☐ 10+ ☐

Iżjed tagħrif?: ____________________

Din il-lista importanti tfasslet mill-Kunsill ta' l-Ewropa, li mhijiex xi erbgħa min-nies imġienen, imma għaqda kbira li tlaqqa' l-mexxejja tal-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa! Naraw minn dan kemm verament l-annimali jistħoqqilhom l-imħabba tagħna. KEMM MINN DAWN IL-JEDDIJIET QEGĦDIN AĦNA L-MALTIN NISIRQULHOM LILL-ANNIMALI?

# Stqarrija Universali tal-
# JEDDIJIET TA' L-ANNIMALI

- L-annimali kollha huma mwielda ħielsa u għandhom l-istess jeddijiet għall-ħajja.

- Kull annimal għandu l-jedd għar-rispett. Il-bniedem, bħala razza ta' annimal, ma jistax jestermina annimali oħrajn jew jikser il-jedd imsemmi hawn fuq billi jisfruttahom; huwa għandu d-dmir li jinqeda bl-għarfien tiegħu biex jingħata servizz lill-annimali.

- Kull annimal għandu l-jedd għall-attenzjoni, għall-kura u għall-ħarsien mill-bniedem.

- Ebda annimal m'għandu jkun suġġett għal trattament ħażin jew għal atti ta' moħqrija. Fejn il-qtil ta' annimal hu meħtieġ, dan għandu jkun istantanju, bla tbatija u bla ma jġib tweġħir.

- Kull annimal ta' razza selvaġġa għandu l-jedd li jgħix ħieles fl-art, fl-arja jew fl-ambjent tal-baħar naturali tiegħu, u li jirriproduċi. Kull tiċħid tal-libertà, imqar għal għanijiet edukattivi, jeħodha kontra dan il-jedd.

- Kull annimal ta' razza li tradizzjonalment tgħix f'rabta mal-bniedem għandu l-jedd li jgħix u jikber fir-rata u fil-kundizzjonijiet tal-ħajja u l-libertà proprji għal dik ir-razza. Kull bidla f'din ir-rata jew f'dawn il-kundizzjonijiet magħmula mill-bniedem għal għanijiet kummerċjali teħodha kontra dan il-jedd.

- Kull annimal li l-bniedem jagħżel bħala sieħeb tiegħu għandu l-jedd għal medda ta' ħajja li taqbel mal-medda tal-ħajja naturali tiegħu.

- L-abbandun ta' annimal hu att krudil u degradanti.

- Kull annimal tax-xogħol għandu l-jedd għal limitazzjoni raġjunevoli tas-sigħat tax-xogħol tiegħu u ta' l-intensità tax-xogħol, u għal nutriment li jagħtih saħħtu, u għall-mistrieħ.

- L-esperimentazzjoni fuq l-annimali, kemm medika, xjentifika, kummerċjali u kemm ta' xeħta oħra, li tinvolvi tbatija fiżika jew psikoloġika ma taqbilx mal-jeddijiet ta' l-annimali. Tekniki sostituttivi għandhom jitħaddmu u jkunu żviluppati.

- Meta l-annimali huma mrobbijin għall-ikel, huma għandhom ikunu mitmugħa, imqegħdin f'posthom, ittrasportati u maqtula mingħajr ma jġarrbu ebda ansjetà jew tbatija.

- Ebda annimal m'għandu jintuża għal divertiment uman. Wirjiet ta' l-annimali u divertimenti li jinvolvu l-annimali ma jaqblux mad-dinjità ta' l-annimal.

- Kull att li jinvolvi l-qtil mhux meħtieġ ta' annimali huwa bijoċidju, jiġifieri att kriminali kontra l-ħajja.

- Kull att li jinvolvi l-qtil ta' għadd kbir ta' annimali slavaġ huwa ġenoċidju, jiġifieri att kriminali kontra r-razez.

- It-taħsir u l-qerda ta' l-ambjent naturali jwasslu għal ġenoċidju.

- Annimali mejta għandhom ikunu trattati b'rispett.

- Xeni ta' vjolenza kontra l-annimali huma pprojbiti fiċ-ċinema jew fuq it-televiżjoni, jekk mhux għaliex huma maħsuba biex juru theddida għall-jeddijiet ta' l-annimali.

- Organizzazzjonijiet li jaħdmu għall-ħarsien u d-difiża ta' l-annimali għandhom ikunu rappreżentati f'livell governattiv.

- Il-jeddijiet ta' l-annimali, bħall-jeddijiet tal-bniedem, għandhom ikunu difiżi bil-liġi.



Maqlubin għall-Malti minn Oliver Friggieri (minn Saghtar Nov 1991)

**Pitirross mejjet taħt bankina. X'ġara?
Tajritu karozza? Miet bil-kesħa?
Le! Miet bi swied il-qalb wara li tifel
qabdu u żammu maqful f'gaġġa.
Tlett ijiem ta' twerwir,
storbju, ċaqliq,
qtajja', dwejjaq...
Kemm tiflaħ tieħu
dik il-qalb ċkejkna!?**



Victor Falzon

# IL-PITIRROSSI
# Ħalluhom Ħelsin Ħa jgħixu Ħenjin



## miżata

Minn dis-sena se togħla ftit il-miżata tal-Klabb. Ippruvajna ma ngħolluhiex, imma l-affarijiet saru ħafna iktar għaljin minn meta bdejna bil-Lm1 sitt snin ilu. Biss biss dan il-magażin iqumilna ħafna flus biex nistampawh sitt darbiet f'sena (minbarra boroż, lejbils, stejpils, posta eċċ). Għalhekk minn lira l-miżata se ssir Lm1.50. Tafu x'jiġifieri dan? Jiġifieri tiġikom is-somma fenomenali ta'...

**2c8**
fil-ġimgħa!

## Għalik b'xejn




Il-Ktieb Il-Passa ta' l-Għasafar ikun tiegħek b'xejn jekk iddaħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf. Imla l-formola t'hawn taħt u ibgħathielna flimkien mal-miżata tal-membru ġdid li ddaħħal. Tinsix id-dettalji tiegħek!

## IRNEXXIELI

Dettalji tal-membru l-ġdid

Isem: ____________________

Indirizz: ____________________

____________________

Tel: __________ Data tat-twelid: __________

Dettalji tiegħi

Isem: ____________________ Member's number

Ma' dil-formola qed nibgħat ċekk/postal order/bolli mhux użati b'valur ta' Lm1.50

Ibgħatha lil: Daħħal Membru Ġdid • Klabb Ħuttaf • BirdLife Malta MOS • POBox498 Valletta CMR01